A.L. 378 ta' l-2005

ATT DWAR AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Rimi fid-Drenaġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4 u 28 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Rimi fid-Drenaġġ, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Kontroll ta' Rimi fid-Drenaġġ, hawn aktar 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 139 ta' l-2002.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru tar-Riżorsi u l-Infrastuttura jista' jistabilixxi, u l-Ministru tar-Riżorsi u Infrastruttura jista' jistabilixxi dati differenti għal partijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolament prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fit-tifsira ta' "Eżekuttiv Prinċipali", minflok il-kliem "ta' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi" u "ta' l-Awtorità" għandhom jidħlu l-kliem "tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma" u "tal-istess Korporazzjoni" rispettivament; u

(b) Minnufih wara t-tifsira ta' "persuna", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "sistema ta' drenaġġ pubbliku" tfisser is-sistema ta' drenaġġ li tappartjeni lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma;"

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara s-subregolament (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Likwidu għandu jitqies li hu projbit, sakemm ma jkunx ġie ċertifikat bħala mhux tossiku għall-*activated sludge* skond OECD 209 jew ċertifikazzjoni ekwivalenti.

(4) L-ilma baħar u l-ilma mormi minn impjant ta' *reverse osmosis, water softner,* impjant ta' desalinizzazzjoni, impjant ta' dejonizzazzjoni u impjanti oħra ta' trattament ta' l-ilma għandhom jitqiesu li huma likwidu projbit.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolamenent (5) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "lill-Eżekuttiv Prinċipali" għandhom jidħlu l-kliem "lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu, għandu jiżdied dan li ġej:

"(4) L-Eżekuttiv Prinċipali jkun dejjem jista' jibdel il-kundizzjonijiet tal-permess, jekk iċ-ċirkustanzi jkunu hekk jirrikjedu.".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fl-Awtorita`", għandhom jidħlu l-kliem "fil-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma".

7. Fl-iskeda A annessa mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "organizzazzjonijiet kompetenti internazzjonali" għandhom jidhlu l-kliem "Bord għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni".

8. Fl-iskeda C annessa mar-regolamenti priċipali:

(i) fin-numru 10 tat-test Ingliż, minflok l-ittri "CI" għandhom jidħlu l-ittri "Cl mg/l";

(ii) Fl-iskeda C annessa mar-regolamenti prinċipali tiżdied il-klawsola:

"Rimi fid-drenaġġ li għandu livell għoli ta' kloruri jista' jiġi awtorizzat jekk l-operatur jissottometti pjan ta' implementazzjoni li jkun approvat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Il-pjan għandu jistabbilixxi id-dati meta dan ir-rimi jrid jilħaq il-livell stabilit fl-iskeda C tal-Avviż Legali 139/2002, waqt li jkun ikkunsidrat l-effett tal-kwalità u kwantità ta' dan ir-rimi fuq l-infrastruttura eżistenti."